Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 953/2009**

tat-13 ta' Ottubru 2009

dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 269, 14.10.2009, p. 9)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1161/2011 tal-14 ta' Novembru 2011	L 296	29	15.11.2011

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 953/2009

tat-13 ta' Ottubru 2009

dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari,

Billi:

(1) Għadd ta' sustanzi nutrittivi bħall-vitamini, il-minerali, l-aċidi amini u oħrajn jistgħu jiġu miżjuda mal-ikel għal użi nutrittivi partikolari sabiex jiġi aċċertat li l-ħtiġijiet nutrittivi partikolari tal-persuni li għalihom huma maħsuba dan l-oġġetti tal-ikel jintlaħqu u/jew sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti legali stabbiliti f'direttivi speċifiċi adottati skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2009/39/KE. Il-lista ta' dawk is-sustanzi kienet stabbilietha d-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/15/KE tal-15 ta' Frar 2001 dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal skopijiet nutrittivi speċifiċi fl-ikel għal tipi ta' użu nutrittivi partikolari [2] u, wara xi rikjesti mressqa minn partijiet interessati, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari vvalutat għadd ta' sustanzi ġodda, u għaldaqstant, dik il-lista għandha tiġi kompluta u aġġornata. Barra minn hekk, jixraq li jiġu introdotti speċifikazzjonijiet għal xi sustanzi minerali u vitamini sabiex dawn jiġu identifikati.

(2) Mhux possibbli li s-sustanzi nutrittivi jiġu definiti bħala grupp distint għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, u lanqas li tiġi elenkata, f'dan l-istadju, lista eżawrjenti tal-kategoriji kollha ta' sustanzi nutrittivi li jistgħu jiġi miżjuda fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari.

(3) Il-varjetà ta' oġġetti tal-ikel għal tipi ta' użu nutrittivi partikolari hija estensiva u diversifikata ħafna u l-proċessi teknoloġiċi użati għall-manifattura tagħhom huma varji. Minħabba f'hekk, l-aktar għażla estensiva ta' sustanzi li jistgħu jintużaw b'mod sikur fil-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari għandha tkun disponibbli għall-kategoriji ta' sustanzi nutrittivi li għandhom jiġu elenkati f'dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21.
[2] ĠU L 52, 22.2.2001, p. 19.

▼B

(4) L-għażla tas-sustanzi għandha tissejjes qabelxejn fuq is-sikurezza tagħhom u għaldaqstant fuq id-disponibbiltà tagħhom għall-użu mill-bnedmin u fuq il-karatteristiċi organolettiċi u teknoloġiċi tagħhom. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet applikabbli għal kategoriji speċifiċi ta' oġġetti tal-ikel, l-inklużjoni ta' sustanzi fil-lista ta' dawk li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari ma tfissirx li ż-żieda tagħhom f'dawk l-oġġetti tal-ikel hija neċessarja jew mixtieqa.

(5) Fejn iż-żieda ta' sustanza nutrittiva ġiet meqjusa bħala neċessarja, din ġiet stipulata minn regoli speċifiċi fid-direttivi speċifiċi relevanti flimkien mal-kundizzjonijiet kwantitattivi xierqa, skont kif ikun il-każ.

(6) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe regoli speċifiċi jew fil-każ ta' oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari li mhumiex koperti minn direttivi speċifiċi, is-sustanzi nutrittivi għandhom jintużaw sabiex jimmanifatturaw prodotti li huma konformi mad-definizzjoni tat-tali prodotti u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti nutrittivi partikolari tal-persuni li għalihom ikunu maħsuba. Il-prodotti inkwistjoni għandhom ukoll ikunu sikuri meta użati skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

(7) Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-lista ta' sustanzi nutrittivi li jistgħu jintużaw fil-manifattura tal-formuli tat-trabi (infant formulae) u l-formuli tal-prosegwiment (follow-on formulae) u ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għall-età infantili u t-tfal żgħar huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment u li jemenda d-Direttiva 1999/21/KE ([1]), u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar ([2]). Għaldaqstant dawk id-dispożizzjonijiet ma jeħtiġilhomx jiġu rripetuti f'dan ir-Regolament.

(8) Għadd ta' sustanzi nutrittivi jistgħu jiżdiedu għal skopijiet teknoloġiċi bħala addittivi, sustanzi li jagħtu l-kulur, ħwawar jew tali użi oħra inklużi prattiċi u proċessi enoloġiċi awtorizzati previsti mil-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti. F'dan il-kuntest jiġu adottati speċifikazzjonijiet għalihom fil-livell Komunitarju. Jixraq li dawk l-ispeċifikazzjonijiet ikunu jgħoddu għal dawk is-sustanzi jkun xi jkun l-iskop għall-użu tagħhom fl-oġġetti tal-ikel.

(9) Sakemm jiġu addottati l-kriterji ta' purezza għall-bqija tas-sustanzi fuq il-livell Komunitarju, u sabiex jiġi aċċertat livell għoli ta' ħarsien għas-saħħa pubblika, għandhom jgħoddu kriterji ta' purezza ġeneralment aċċettabbli rrakkomandati minn organizzazzjonijiet jew aġenziji internazzjonali inklużi iżda mhux limitati għall-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tas-saħħa (JECFA) u l-EUP (Farmakopea Ewropea). L-Istati Membri għandhom jitħallew iżommu regoli nazzjonali li jistabbilixxu kriterji ta' purezza aktar stretti, bla ħsara għar-regoli stabbiliti fit-Tratttat.

([1]) ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.

▼B

(10) Xi nutrimenti speċifiċi jew id-derivattivi tagħhom ġew identifikati bħala speċifikament meħtieġa għall-manifattura ta' xi oġġetti tal-ikel li jappartjenu għall-grupp ta' oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali u l-użu potenzjali tagħhom għandu jiġi riżervat għall-manifattura ta' dawn il-prodotti.

(11) Għal għanijiet ta' ċarezza, id-Direttiva 2001/15/KE u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/6/KE tal-20 ta' Jannar 2004 li tidderoga mid-Direttiva 2001/15/KE biex tipposponi l-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-kummerċ ta' ċerti prodotti ([1]) għandhom jiġu rrevokati sabiex joħdilhom posthom dan ir-Regolament.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari, bl-esklużjoni ta' dawk koperti mid-Direttiva 2006/125/KE u d-Direttiva 2006/141/KE.

Artikolu 2

Sustanzi eliġibbli

1. Fost is-sustanzi li jappartjenu għall-kategoriji li jidhru fl-Anness għal dan ir-Regolament, dawk elenkati f'dak l-Anness biss, li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet rilevanti kif ikun meħtieġ jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fil-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari koperti mid-Direttiva 2009/39/KE.

2. Bla ħsara għar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), sustanzi li ma jappartjenux għall-kategoriji li jidhru fl-Anness għal dan ir-Regolament jistgħu wkoll jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fil-manifattura ta oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari.

Artikolu 3

Rekwiżiti ġenerali

1. L-użu ta' sustanzi miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi għandu jirriżulta fil-manifattura ta' prodotti sikuri li jissodisfaw ir-rekwiżiti nutrittivi partikolari tal-persuni li għalihom ikunu maħsuba, kif stabbilit minn informazzjoni xjentifika ġeneralment aċċettata.

([1]) ĠU L 15, 22.1.2004, p. 31.
([2]) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

▼B

2. Fuq rikjesta mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/39/KE, il-manifattur jew, fejn jixraq, l-importatur għandu jipproduċi l-ħidma xjentifika u d-dejta li tistabbilixxi li l-użu tas-sustanzi jkun konformi mal-paragrafu 1. Jekk dawn il-ħidma u dejta jkunu jinsabu f'pubblikazzjoni faċilment disponibbli, sempliċi referenza għal dik il-pubblikazzjoni tkun biżżejjed.

Artikolu 4

Rekwiżiti speċifiċi għal sustanzi elenkati fl-Anness

1. L-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandu jkun konformi ma' kwalunkwe dispożizzjonijiet speċifiċi dwar dawk is-sustanzi li jistgħu jiġu stabbiliti f'direttivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2009/39/KE.

2. Il-kriterji dwar il-purezza stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja li japplikaw għas-sustanzi elenkati fl-Anness meta dawn jintużaw fil-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal għanijiet oħra għajr dawk koperti minn dan ir-Regolament għandhom ukoll japplikaw għal dawk is-sustanzi meta jintużaw għall-għanijiet koperti minn dan ir-Regolament.

3. Għal sustanzi elenkati fl-Anness li għalihom ma ġewx stabbiliti kriterji ta' purezza mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, u sakemm jiġu adottati t-tali speċifikazzjonijiet, għandhom japplikaw kriterji ta' purezza ġeneralment aċċettabli rakkomandati minn entitajiet internazzjonali. Regoli nazzjonali li jiffissaw kriterji ta' purezza iktar stretti jistgħu jinżammu.

Artikolu 5

Revoki

Id-Direttiva 2001/15/KE u d-Direttiva 2004/6/KE huma rrevokati b'effett mill-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal skopijiet nutrittivi speċifiċi fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari

Għall-iskopijiet ta' din id-tabella:

— "Ikel dietetiku" tfisser oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari inklużi oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali imma bl-esklużjoni tal-formoli tat-trabi, il-formoli ta' prosegwiment, l-oġġeti tal-ikel proċessati bbażati fuq iċ-ċereali u l-oġġetti tal-ikel tat-trabi maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar.

— "Oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali" tfisser oġġetti tal-ikel dietetiċi għal għanijiet mediċi speċjali kif imfisser fid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar l-ikel dietetiku għal skopijiet mediċi speċjali ([1]).

Sustanza	Kondizzjoni għall-użu	
	Ikel Dietetiku	Oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali
Kategorija 1. Vitamini		
VITAMINA A		
retinol	x	
aċetat tar-retinil	x	
palmitat tar-retinil	x	
beta-karoten	x	
VITAMINA D		
kolekalċiferol	x	
ergokalċiferol	x	
VITAMINA E		
D-alfa-tokoferol	x	
DL-alfa-tokoferol	x	
aċetat ta' D-alfa-tokoferil	x	
aċetat ta' DL-alfa-tokoferil	x	
suċċinat aċidu ta' D-alfa-tokoferil	x	
suċċinat glikolu-1000 poli-etilina ta' D-alfa-tokoferil (TPGS)		x
VITAMINA K		
fillokinona (fitomenadjona)	x	
menakinona ([1])	x	
VITAMINA B1		
idroklorur tat-tijamina	x	
mononitrat tat-tijamina	x	
VITAMINA B2		
riboflavin	x	

([1]) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29.

▼B

Sustanza	Kondizzjoni għall-użu	
	Ikel Dietetiku	Oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali
riboflavin 5'-fosfat, sodju	x	
NIJAĊINA		
aċidu nikotiniku	x	
nikotinamida	x	
AĊIDU PANTOTENIKU		
D-pantotenat, kalċju	x	
D-pantotenat, sodju	x	
dekspantenol	x	
VITAMINA B6		
idroklorur tal-piridossina	x	
piridossina 5'-fosfat	x	
dipalmitat tal-piridossina	x	
FOLAT		
aċidu pterojlmonoglutamiku	x	
L-metilfolat tal-kalċju	x	
VITAMINA B12		
ċjanokobalamina	x	
idrossokobalamina	x	
BIJOTINA		
D-bijotina	x	
VITAMINA Ċ		
aċidu L-assorbiku	x	
L-assorbat tas-sodju	x	
L-assorbat tal-kalċju	x	
L-assorbat tal-potassju	x	
L-assorbil 6-palmitat	x	
Kategorija 2. Minerali		
KALĊJU		
karbonat tal-kalċju	x	
klorur tal-kalċju	x	
imluħ tal-kalċju tal-aċidu ċitriku	x	
glukonat tal-kalċju	x	
gliċerofosfat tal-kalċju	x	
lattat tal-kalċju	x	
imluħ tal-kalċju tal-aċidu ortofosforiku	x	
idrossidu tal-kalċju	x	

▼B

Sustanza	Kondizzjoni għall-użu	
	Ikel Dietetiku	Oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali
ossidu tal-kalċju	x	
sulfat tal-kalċju	x	
bisgliċinat tal-kalċju	x	
malat ċitrat tal-kalċju	x	
malat tal-kalċju	x	
L-pidolat tal-kalċju	x	
MANJEŻJU		
aċetat tal-manjeżju	x	
karbonat tal-manjeżju	x	
klorur tal-manjeżju	x	
imluħ tal-manjeżju tal-aċidu ċitriku	x	
glukonat tal-manjeżju	x	
gliċerofosfat tal-manjeżju	x	
imluħ tal-manjeżju tal-aċidu ortofosforiku	x	
laktat tal-manjeżju	x	
idrossidu tal-manjeżju	x	
ossidu tal-manjeżju	x	
sulfat tal-manjeżju	x	
L-aspartat tal-manjeżju		x
bisglikinat tal-manjeżju	x	
L-pidolat tal-manjeżju	x	
ċitrat tal-potassju tal-manjeżju	x	
ĦADID		
karbonat ferruż	x	
ċitrat ferruż	x	
ċitrat ferriku tal-ammonju	x	
glukonat ferruż	x	
fumarat ferruż	x	
difosfat ferriku tas-sodju	x	
laktat ferruż	x	
sulfat ferruż	x	
▼M1 fosfat ferruż tal-ammonju	x	
EDTA ferriku tas-sodju	x	
▼B difosfat ferriku (pirofosfat ferriku)	x	

▼B

Sustanza	Kondizzjoni għall-użu	
	Ikel Dietetiku	Oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali
sakkarat ferriku	x	
ħadid elementari (karbonil + elettrolitiku + idroġenu mnaqqas)	x	
bisglikinat ferruż	x	
L-pidolat ferruż	x	
RAM		
karbonat tar-ram	x	
ċitrat tar-ram	x	
glukonat tar-ram	x	
sulfat tar-ram	x	
kumpless ram-lisin	x	
JODJU		
jodur tal-potassju	x	
jodat tal-potassju	x	
jodur tas-sodju	x	
jodat tas-sodju	x	
ŻINGU		
aċetat taż-żingu	x	
klorur taż-żingu	x	
ċitrat taż-żingu	x	
glukonat taż-żingu	x	
laktat taż-żingu	x	
ossidu taż-żingu	x	
karbonat taż-żingu	x	
sulfat taż-żingu	x	
bisglikinat taż-żingu	x	
MANGANIŻ		
karbonat tal-manganiż	x	
klorur tal-manganiż	x	
ċitrat tal-manganiż	x	
glukonat tal-manganiż	x	
gliċerofosfat tal-manganiż	x	
sulfat tal-manganiż	x	
SODJU		
il-bikarbonat tas-sodju	x	
karbonat tas-sodju	x	

▼B

Sustanza	Kondizzjoni għall-użu	
	Ikel Dietetiku	Oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali
klorur tas-sodju	x	
ċitrat tas-sodju	x	
glukonat tas-sodju	x	
laktat tas-sodju	x	
idrossidu tas-sodju	x	
imluħ tas-sodju tal-aċidu ortofosforiku	x	
POTASSJU		
bikarbonat tal-potassju	x	
karbonat tal-potassju	x	
klorur tal-potassju	x	
ċitrat tal-potassju	x	
glukonat tal-potassju	x	
gliċerofosfat tal-potassju	x	
laktat tal-potassju	x	
idrossidu tal-potassju	x	
imluħ tal-potassju tal-aċidu ortofosforiku	x	
ċitrat tal-potassju tal-manjeżju	x	
SELENJU		
selenat tas-sodju	x	
idroġenu selenit tas-sodju	x	
selenit tas-sodju	x	
ħmira arrikkita bis-selenju [2]	x	
KROMJU (III)		
klorur tal-kromju (III) u l-eżaidrat tiegħu	x	
sulfat tal-kromju (III) u l-eżaidrat tiegħu	x	

▼M1

pikolinat tal-kromu	x	

▼B

MOLIBDENU (VI)		
molibdata tal-ammonju	x	
molibdata tas-sodju	x	
FLORIN		
fluworidu tal-potassju	x	
fluworidu tas-sodju	x	
BORON		
borat tas-sodju	x	

▼B

Sustanza	Kondizzjoni għall-użu	
	Ikel Dietetiku	Oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali
aċidu boriku	x	
Kategorija 3. Aċidi amino		
L-alanina	x	
L-arġinina	x	
L-aċidu aspartiku		x
L-ċitrullina		x
L-ċisteina	x	
Ċistina	x	
L-istidina	x	
L-aċidu glutamiku	x	
L-glutamina	x	
gliċina		x
L-iżolewċina	x	
L-lewċina	x	
L-liżina	x	
aċetat tal-L-liżina	x	
L-metjonina	x	
L-ornitina	x	
L-fenilalanina	x	
L-prolina		x
L-treonina	x	
L-triptofanina	x	
L-tirosina	x	
L-valina	x	
L-serina		x
L-arġinina-L-aspartat		x
L-liżina-L-aspartat		x
L-liżina-L-glutamat		x
N-aċetil-L-ċisteina		x
N-aċetil-L-metjonina		x fil-prodotti maħsuba għal persuni ta' età 'l fuq minn sena
Għall-aċidi amino, safejn japplika, anki l-imluħ tas-sodju, il-potassju, il-kalċju u l-manjeżju kif ukoll l-idrokloruri tagħhom jistgħu jintużaw		
Kategorija 4. Karnitina u tawrina		
L-karnitina	x	
idroklorur tal-L-karnitina	x	

▼B

Sustanza	Kondizzjoni għall-użu	
	Ikel Dietetiku	Oġġetti tal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali
tawrina	x	
L-karnitina-L-tartrat	x	
Kategorija 5. Nukleotidi		
aċidu 5'-fosforiku adenożin (AMP)	x	
imluħ tas-sodju tal-AMP	x	
Aċidu 5'-monofosforiku ċitidin (CMP)	x	
imluħ tas-sodju tas-CMP	x	
aċidu 5'-fosforiku gwanożin (GMP)	x	
imluħ tas-sodju tal-GMP	x	
aċidu 5'-fosforiku inożin (IMP)	x	
imluħ tas-sodju tal-IMP	x	
aċidu 5'-fosforiku uridin (UMP)	x	
imluħ tas-sodju tal-UMP	x	
Kategorija 6. Kolin u inożitol		
kolin	x	
klorur tal-kolin	x	
bitartrat tal-kolin	x	
ċitrat tal-kolin	x	
inożitol	x	

([1]) Menakinona li sseħħ prinċipalment bħala menakinona-7 u, sa ċertu ammont żgħir, menakinona-6.

([2]) Ħmira arrikkita bis-selenju prodotta mit-tkabbir fil-preżenza ta' selenit tas-sodju bħala sors tas-selenju u li jkun fih, fil-forma mnixxfa kif imqiegħed fis-suq, mhux iktar minn 2.5 mg Se/g. L-ispeċi predominanti tas-selenju organiku preżenti fil-ħmira hija selenometjonina (bejn 60 u 85 % tat-total tal-selenju estratt fil-prodott). Il-kontenut tal-komponenti ta' selenju organiku inkluż selenoċisteina m'għandux jaqbeż l-10 % tat-total ta' selenju estratt. Il-livelli ta' selenju organiku normalment m'għandhomx jaqbżu 1 % tat-total ta' selenju estratt.